# Drawwiet marbuta mal-festa ta' Santa Marija



**Joseph C Camilleri BA; DEAM; M.Ed(pl & Mgt)**



Is-sena hija mimlija daqs bajda b'festi. Insibu parroċċi li għandhom festa waħda, dik titulari. Hemm oħrajn li għandhom żewġ festi, waħda titulari u oħra sekondarja. Il-parroċċa tal-Gudja hija waħda speċjali. Hawn insibu festa titulari u żewġ festi sekondarji. Il-festa titulari hija ddedikata lil Santa Marija jiġifieri t-Tlugħ is-sema ta' Marija Santissima bir-ruħ u l-ġisem. Xi wħud jirreferu għal din il-festa wkoll bħala l-Assunta jew l-Għid ta' Santa Marija. Il-festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu.

Għalhekk fl-imgħoddi din il-festa kienet ukoll magħrufa bħala Santa Marija ta' nofs Awwissu. Dawn l-ismijiet kollha juruk l-importanza ta' din il-festa. Tant li x-xahar ta' Awwissu hu magħruf fost il-bdiewa bħala x-xahar ta' Santa Marija.

Din il-festa hija ċċelebrata bħala festa titulari f'diversi parroċċi. Barra il-festa fil-Gudja, insibuha fl-Għaxaq, fl-Imqabba, fil-Qrendi, f'Ħ'Attard, fil-Mosta, fl-Imġarr, f'Ħad Dingli u f'Birkirkara (f'waħda mill-parroċċi). Għawdex ukoll għandu żewġ parroċċi ddedikati lil din il-festa – il-Katidral (fiċ-Ċittadella) u ż-Żebbuġ. Dawn il-festi ma jiġux iċċelebrati fl-istess jum. Sebgħa jsiru fl-15 t'Awwissu – fil-Gudja, f'Ħal Għaxaq, f'Ħ'Attard. fl-Imqabba, fil-Qrendi, fil-Mosta u fil-Katidral t'Għawdex. Din id-drawwa ta' bosta festi fl-istess jum, kollha ddedikati lil Santa Marija, niżlet l-idjoma Maltija: 'is-Seba' Santamarijiet'. Il-parroċċa Karkariża ta' Santa Marija tagħmel il-festa titulari tagħha mingħajr wisq folklor fil-jum il-15 t'Awwissu. Din bdiet dawn l-aħħar snin meta saret parroċċa indipendenti mill-knisja matriċi ta' Santa Liena. Ħad Dingli u l-Imġarr jorganizzaw il-festi tagħhom Ħadd fuq il-15 t'Awwissu. L-istess storja ssir fil-gżira tat-Tliet Għoljiet. Iż-Żebbuġ tiċċelebra l-festa titulari Ħadd wara Santa Marija. Mhux ħaġa ta' barra minn hawn, li din il-festa hija marbuta ma' ħafna folkor, tant il-kittieb Għawdxi Anton F. Attard kiteb hekk fuq din il-festa: *'Ma jistax jonqos, mela, li ma' din il-festa hemm wkoll marbutin bosta drawwiet u tradizzjonijiet folkoristiċi kif ukoll twemmin ieħor li wasal għandna minn żminijiet tassew antiki.'* [1]

**Jum ta' festa**

Lejlet Santa Marija kienet tkun jum ta' sawm. Anton F. Attard ikompli jikteb; *'...dari din kienet l-unika festa bil-vġili...'* [2]. Vġili tfisser ġurnata sawn u astinenza f'lejlet il-festa. Billi Santa Marija hija festa kbira ssir preparazzjoni spiritwali speċjali sew matul il-kwindiċina[3] (ħmistax-il jum) kif ukoll l-Erbgħat ta' Santa Marija (ħmistax-il jum dejjem kull nhar ta' Erbgħa)[4]. Wara l-jum il-festa kien isir l-Ottavarju jew l-Ottava ta' Santa Marija jiġifieri tmint ijiem ta' prietki. Illum din id-drawwa tal-prietki spiċċat [5]. Ta' min jgħid li dan il-festa hija waħda kmandata, jiġifieri s-smigħ tal-quddies hu obbligatorju.

**Drawwiet Għawdxin**

Isibu diversi drawwiet marbutin mal-festa ta' Santa Marija. Ħafna minn dawn id-drawwiet isiru fir-Rabat Għawdex. Waħda minn dawn id-drawwiet hija l-qsim tal-ħobż lill-foqra. Is-sinjuri kellhom id-drawwa li jħallu legati u fondazzjonijiet ta' flus u ħwejjeġ oħra sabiex jitqassmu lill-fqar jew f'lejlet jew nhar il-festa ta' Santa Marija. Eżempju ta' din il-karità kien il-ħobż li kien jitqassam lill-foqra f'jum Santa Marija fil-knisja tal-Assunta fl-Għasri. L-istess ħaġa kienet issir fil-knisja ta' Santa Marija tal-Ġilju, f'Għajn Xejba – ix-Xagħra. Hawn mir-renti ta' tomnejn raba kien jitqassam ħobż lill-foqra f'jum Santa Marija. Il-kappillan kien ikollu ikla b'xejn f'dan il-jum. Waqt fil-kontrada ta' Loġja fix-Xewkija kien isir pranzu għall-foqra f'din il-festa[6].

Barra mill-ħobż kienu jitqassmu wkoll flus lill-għarajjes li kienu ser jtejjġu f'jum Santa Marija. Il-flus kienu jiġu mil-legati msejħa tal-foqra. Wieħed mil-legati ġie mwaqqaf minn Salvu Refalo, li ħalla għaxar doti għal nies, li kienu jiġu minnu, li jkunu ser jiżżewġu f'jum Santa Marija. Maż-żmien sar xi bdil f'dan il-legat u l-flus bdew imorru lix-xebbiet foqra minflok għall-għarajjes. Dan il-legat ta' Salvu Refalo hu mniżżel fl-Atti tan-Nutar Tumas Gauci[7].

Drawwa oħra marbuta mal-festa ta' Santa Marija kienet il-mixegħla tal-Banka Giuratale fir-Rabat

Għawdex, bil-lampi taż-żejt. Barra minn hekk, f'lejlet il-festa kienet issir mixgħela wkoll tal-Katidral. Għall-ewwel din kienet issir bil-fjakkli u wara bil-bozoz tad-dawl elettriku. Kienu wkoll jisparaw xi kanuni u anke maskli minn fuq il-Gran Kastell. Ġużè Cassar Pullicino jgħid li dan l-isparar tal-maskli kien isir mis-suldati, aktarx Għawdxin, li kienu jieħdu din l-okkażjoni biex iqattgħu ġurnata ma' nieshom għall-festa[8].

Fit-telgħa tal-Katidral fir-Rabat Għawdex, mit-Tokk 'l fuq, kienet issir il-fiera ta' ġugarelli u ċejċiet. Din id-drawwa li llum spiċċat, kienet waħda qadima, tant li hija mniżla fid-djarju ta' De Soldanis li jġib id-data 1738. F'dan il-manuskritt insibu mniżżel: '*Fil-jum (15 t'Awwissu) ikun hemm il-fiera f'din il-gżira ta' Għawdex, bil-frott kollu li wieħed jista' jixtieq u bi ħwejjeġ oħra ta' ġugarelli u xejxi*[9].'

Drawwa oħra li ssir f'jum Santa Marija hija t-tiġrijiet tal-ħmir, tal-bgħula, taż-żwiemel bix-xarretti, tan-nies u tal-fliewi. It-tlielaq taż-żwiemel kienu jħalluhom għall-festa tal-Bambina li ssir fix-Xagħra. Dawn it-tiġrijiet kienu jibdew wara nofsinhar. Qabel idoqq nofsinhar il-bankini kienu jkunu ffullati bin-nies. Billi tkun is-sħana, l-irġiel kien ikollhom il-kappell waqt li n-nisa kien jagħmlu l-maktur fuq rashom. Dawn it-tiġrijiet għandhom storja twila tant li l-kittieb Abela-Ciantar fil-ktieb tiegħu 'Malta Illustrata' kiteb hekk: '*Fil-festa tal-Assunzjoni li ssir nhar il-15 ta' Awwissu, jtellqu d-dwieb għall-palji u l-bhejjem tat-tiġrija li tagħti l-gżira msemmija (Għawdex) m'huma xejn inqas tajbin minn dawk ta' Malta, imma minħabba li għandhom aħjar fejn jirgħu f'dawk l-għelieqi għammiela, xi minn daqqiet ikun isbaħ u ssibhom aħjar għax-xogħol tal-milizja...*[10]' Bħala premijiet kienu jingħataw il-paljijiet. Dawn il-paljijiet kienu jispiċċaw fi trieħi tal-altari. Waqt il-ħakma tal-kavallieri, tant kemm kienu popolari dawn it-tiġrijiet, xi drabi kien jitla' Għawdex il-Gran Mastru innifsu biex iqassam dawn il-paljijiet lir-rebbieħa.

It-tiġrijiet tan-nies kienu differenti. Dawn kienu jitilqu minn Triq Palma. Il-premijiet ta' dawn it-tiġrijiet kienu jkunu marbutin mal-lasta ta' palju. Fost il-premijiet kien ikun hemm xi buxakka jew terħa, xi beritta jew milsa, kif ukoll xi kappell u ċintorin. It-tiġrijiet kienu u għadhom popolari man-nies. Tant li nsibuhom imdaħħlin f'għana li tgħid:

Lestu l-ħmara, lestu d-debba
għax waslet Santa Marija;
jekk noħoduhom magħna r-Rabat
jieħu l-ewwel fit-tiġrija[11].

Għanja oħra dwar it-tiġrijiet kienet tgħid:

Ġanna l-bagħla ħadet l-ewwel
paljijiet ma tawha xejn,
tawha daqqa ta' marzebba
u kisrulha saqajha t-tnejn[12].

Din id-drawwa nsibu imdaħħla wkoll f'qawl; 'Twelid f'Santa Marija jiġi msejjaħ għat-tiġrija'[13]. Dan ifisser li min kien jitwieled f'jum Santa Marija kien jsir ġerrej taż-żwiemel għaliex fil-gżira t'Għawdex dawn it-tlielaq, li kienu popolari, kienu marbutin ma' din il-festa.

Drawwa li ssibu fil-festa ta' Santa Marija li ssir wkoll fir-Rabat Għawdex hija l-Wirja Agrarja u Industrijali. Illum din issir f'Villa Rundle. Għall-ewwel din il-wirja kienet tikkonsisti f'fiera ta' ħxejjex u annimali kif ukoll oġġetti tal-artiġjanat u prodotti industrijali. Bdiet issir fl-iskola tal-Gvern tar-Rabat (Triq Vajringa) Għawdex. Waqt il-wirja kien jiġi organizzat il-konkors tal-għana. Il-premijiet għall-prodotturi kienu jitqassmu nhar Santa Marija filgħodu għall-ewwel mill-Gvernatur u issa mill-President tar-Repubblika.

Drawwa li kienet issir nhar Santa Marija f'Għawdex hi li l-Kappillani tal-ewwel parroċċi Għawdxin, waqt il-quddiesa solenni f'jum il-festa, kienu joffru xemgħa bajda ta' libbra bħala sinjal ta' qima u sottomissjoni lejn il-mexxej spiritwali tal-matriċi (illum katidral). Din id-drawwa spiċċat[14]. L-aħħar drawwa Għawdxija issir fiż-Żebbuġ. Hawn insibu d-drawwa li x-xebbiet Żebbuġin jagħmlu għaġina tal-ażżmu f'għamla tal-ittra 'M'. Dawn huma magħrufa fost iż-Żebbuġin bħala tal-'għażżiela'. It-tberik ta' dawn il-bċejjeċ tal-ħobż issir f'nhar Santa Marija[15].

Mhux ta' b'xejn li ħafna mid-drawwiet ta' nhar Santa Marija iduru fuq il-festa li ssir fiċ-Ċittadella u fir-Rabat t'Għawdex. Dawn id-drawwiet li huma kkonċentrati f'lokalità waħda huma riflessa f'taqbila li tgħid:

San Lawrenz tal-Birgu tagħna,
Santa Marija tal-Għawdxin,
Il-Kunċizzjoni tal-Bormliżi,
Tal-Grazza taż-Żabbarin. [16]

**Drawwiet Maltin**

Skont il-kittieb Tarxiniż il-Kavallier Rafel Bonnici Calì, f'lejlet Santa Marija kienu jsiru l-ħġejjeġ fl-Imdina[17]. Bonnici Calì jorbot dawn il-ħġejjeġ bħala qima lill-Madonna li kienet il-patruna tal-Katidral. Illum dan il-Katidral huwa ddedikat lil Missierna San Pawl. Drawwa tipika Maltija li ssir lejlet Santa Marija hi ż-żjarat lil seba' knejjes iddedikati lill-Assunta. Dawn isiru f'lejlet jew nhar il-festa. Bejn knisja u oħra l-poplu kien jimxi. Billi kienet tkun is-sħana dawn iż-żjarat kienu jsiru wara inżul ix-xemx. Dan kien ifisser

li l-lejl ta' bejn l-14 u l-15 t'Awwissu l-poplu Malti kien iqattgħu iterraq fit-triqat. Il-pellegrini kienu jinġabru raħal raħal. L-irġiel kien jimxu quddiem u n-nisa u t-tfal kienu jimxu warajhom. Kienu jieqfu biss biex jgħidu xi talba marjana bħal Salve Reġina jew biex jixorbu l-ilma minn xi ġiebja li kienet tkun mal-knisja. Jekk il-pellegrini kienu jsibu l-knisja magħluqa kienu jitolbu quddiem il-bieb ewlieni tal-knisja[18]. Din id-drawwa ma kinitx issir fil-gżira t'Għawdex.

**Referenzi**


1 Attard A. F., Il-folklore tal-festa ta' Santa Marija f'Għawdex, Programm ta' Santa Marija Rabat – Għawdex, 1984, p 42.
2 Attard A. F. Op cit, p 45.
3 Pisani Ġ., Santa Marija fl-Istorja, fid-drawwiet u fil-folkore, Programm ta' Santa Marija, Rabat, Għawdex, 1984 p 39.
4 Anon, Il-festa tradizzjonali ta' Santa Marija ta' Għawdex, l-Aurora, Awwissu 1987, Nru 10, p6.
5 Attard A. F., op cit, p 45.
6 Scicluna A., Għawdex ta' Santa Marija, l-Aurora, Awwissu 1992, Nru 27, p 6.
7 Anon, op cit, p 6.
8 Cassar Pullicino Ġ., Santa Marija tal-Għawdxin, L-Aurora, Awwissu 1987, Nru 10 p 7.
9 'Cassar Pullicino Ġ, op cit, p 7.
10 Cassar Pullicino Ġ., op cit, p 7.
11 Pisani Ġ., op cit, p 39.
12 Attard A. F., op; cit, p 45.
13 Attard A. F., op cit p 44.
14 Attard A. F., op cit, p 45.
15 Bonnici Calì R., Twemmin, storja, art u floklor, Pubblikazzjoni Leħen is-Sewwa, Malta, 1987, p 51.
16 Cassar Pullicino Ġ., op cit, p 8.
17 Bonnici Calì R., op cit, p 51.
18 Bonnici Calì R., op cit, p49.






**Għall-bejgħ tal-ktieb "Ġabra tal-Leġġendi" dwar leġġendi Maltin u Għawdxin maħruġ mid-ditta Wise Owl tar-Rabat (Malta).**

Wieħed jista' jċempel lill-awtur Joseph C. Camilleri fuq 2143 6090.

**Privat tal-Maths għat-tfal tas-sekondarja**

**Privat tal-Maths, Ingliż u Malti għat-tfal tal-Primarja**

ATTENZJONI INDIVIDWALI

***Ikun hemm lezzjonijiet anke fix-xhur tas-sajf***

**Joseph C. Camilleri**

100, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien
Tel: 2143 6090 - Mob: 7931 7436